MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 1178/2007

Carmela **BUTTIĠIEĠ**, Francis Cumbo, Grace Delia, Josianne Dimech u Mary Randich

vs

Carmen **AĠIUS**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-12 ta’ Novembru, 2007, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi talbu li din il-Qorti (a) issib li ħuhom Anthony Cumbo, li miet fl-20 ta’ Jannar, 2006, kien mhedded u mġiegħel b’qerq biex jagħmel l-aħħar testment tiegħu fil-15 ta’ Jannar, 2001, fl-atti tan-Nutar Roberta Bisazza, u li bih ħalla lill-imħarrka bħala l-werrieta ta’ ġidu kollu; (b) issib li għalhekk, l-

imsemmi testment ma jiswiex għaliex nieqes mill-kunsens jew magħmul taħt il-kunsens vizzjat tat-testatur; u (ċ) ssib li, f'kull każ, l-imħarrka ma jixirqilhiex tilqa' l-imsemmi wirt ta' Anthony Cumbo għall-finijiet tal-artikolu 605 tal-Kodiċi Ċivili. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' Novembru, 2007, li bih ordnat in-notifika lill-imħarrka u tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrka fit-2 ta' Ottubru, 2008, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalet li, safejn tirrigwarda t-tielet talba attriċi, l-azzjoni ma tiswiex għaliex nieqsa minn dikjarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża (art. 156(1)(a) tal-Kap. 12) billi għalkemm f'dik it-talba jissemma l-artikolu 605 tal-Kodiċi Ċivili ma hemm l-ebda premessa fir-Rikors Maħluf li tintrabat ma' kawżali maħsuba f'dak l-artikolu, u wkoll għaliex l-azzjoni attriċi hija, fis-sewwa, żewġ azzjonijiet f'daqqa li ma joqogħdux flimkien b'mod li l-ewwel żewġ talbiet m'hemmx posthom f'kawża flimkien mat-tielet talba. Tgħid li dan in-nuqqas ma jistax jissewwa taħt xi dispożizzjoni oħra tal-liġi. Fil-mertu laqgħet billi qalet li t-testment ta' Anthony Cumbo sar sewwa u jgħodd u m'hemm l-ebda raġuni fil-liġi għaliex hija għandha tinstab mhux denja li tiret lit-testatur. Irriżervat kull azzjoni ta' danni fil-konfront tal-atturi minħabba l-allegazzjonijiet minnhom magħmulin fir-rigward tagħha;

Rat id-degriet tagħha tat-8 ta' Lulju, 2009, li bih ordnat li qabel kull ħaġa oħra ssir it-trattazzjoni tal-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-imħarrka dwar is-siwi tal-azzjoni attriċi;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrka fis-16 ta' Lulju, 2009[1], dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari tagħha, mnejn jirriżulta li hija ma kinitx għadha tisħaq fuq l-ewwel eċċezzjoni preliminari tagħha, imma żammet sħiħa t-tieni eċċezzjoni preliminari tagħha;

[1] Paġġ. 19 sa 21 tal-proċess

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fis-7 ta’ Settembru, 2009[2], bi tweġiba għal dik tal-imħarrka;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-15 ta’ Diċembru, 2009, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni tan-nullita’ tal-azzjoni attriċi;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għat-tħassir ta’ testment minħabba vizzju fil-kunsens tat-testatur. L-atturi jgħidu li ħuhom kien imġiegħel jagħmel l-aħħar testment tiegħu li bih ħalla lill-imħarrka werrieta waħdiena tiegħu. Ressqu talba wkoll biex il-Qorti ssib li l-imħarrka ma jistħoqqilhiex tidħol fl-imsemmi wirt ta’ ħuhom għaliex jgħidu li kienet hi li ġegħlet lit-testatur biex jagħmel it-testment kif għamlu u qarrqet bih;

Illi l-imħarrka ressqet eċċezzjonijiet fil-mertu biex tgħid li t-testment jiswa u sar sewwa, u li ma hemm l-ebda raġuni għaliex hi m’għandhiex tiret. Laqgħet ukoll b’eċċezzjonijiet preliminari dwar is-siwi tal-azzjoni attriċi;

Illi tnejn kienu l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari: l-ewwel waħda kienet dwar nuqqas ta’ għoti ta’ tifsira ċara u li tinftiehem min-naħa tal-atturi tal-oġġett tal-azzjoni, u t-tieni waħda hija dwar il-fatt li b’azzjoni waħda l-atturi ressqu żewġ azzjonijiet separati li ma joqogħdux flimkien. L-imħarrka ma baqgħetx tinsisti aktar fuq l-ewwel eċċezzjoni, imma żammet sħiħa t-tieni waħda minnhom;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar it-tieni eċċezzjoni preliminari;

[2] Paġġ. 22 – 30 tal-proċess

Illi l-Qorti jidhrilha li, qabel xejn, hu xieraq li jingħad li għandha ssir distinzjoni bejn in-nullita' ritwali ta' att ġudizzjarju u l-infondatezza fil-mertu tat-talbiet infushom. Il-Qorti tifhem li fil-każ ta' eċċezzjoni ta' nullita' tal-att (bħalma għandha quddiemha f'dan il-każ), hija trid tfittex u tqis biss dwar dik in-nullita' li tkun imputabbli għal difett ta' forma aktar minn wieħed ta' sustanza (fis-sens ta' żball jew nuqqas sostantiv)[3], liema difett ma jkunx jista' jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali[4];

Illi ma' dan il-Qorti żżid tgħid ukoll li għandha ssir distinzjoni oħra dwar in-nullita' ta' att, u jiġifieri dik li tagħraf bejn nullita' assoluta u dik relattiva. F'tal-ewwel, il-Qorti għandha dmir li tiġbed l-attenzjoni tal-partijiet u tieħu provvediment ukoll *ex ufficio*, imma mhux hekk il-każ f'tat-tieni[5]. Minbarra dan, biex att ġudizzjarju jiġi dikjarat null u jitwaqqaf il-kors tiegħu, "*jeħtieġ li jkunu jikkonkorru raġunijiet gravi, fosthom nuqqasijiet ta' evidenti preġudizzju għad-difiża tal-konvenut; u huwa risaput li l-leġislazzjoni u l-ġurisprudenza patrija ilhom progressivament jirrifuġġu mill-formliżmu eċċessiv, fonti ta' litiġji żejda u prokrastinazzjonijiet inutili, purke' ovvjament ma tirriżultax l-effettiva vjolazzjoni tal-liġi*"[6];

Illi l-liġi tippreskrivi, fost l-oħrajn, li r-Rikors Maħluf għandu jkun fih tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talba. Dan ifisser ukoll li l-premessi għat-talbiet għandhom iwasslu lil min qiegħed jaqra l-att biex jara rabta bejn dawk il-premessi u t-talbiet. Marbut ma' dan ir-rekwiżit, hemm il-prinċipju li l-parti mħarrka trid tingħata l-fakolta' li tkun tista' tiddefendi kif jixraq lilha nnifisha mill-pretensjoni ta' min iħarrikha[7];

---

[3] App. Kumm. **30.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef vs Krogh Jacobsen*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.172**)

[4] Ara App. Ċiv. **21.5.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Ellul vs Gera de Petri et*** (Kollez. Vol: **LXXIX.ii.434**) u s-sentenzi hemm imsemmija

[5] Ara P.A. SM **1.10.1910** fil-kawża fl-ismijiet ***Ludovico Magro vs Pio Żammit*** (mhix pubblikata), li fiha espożizzjoni ċara w tajba tal-effetti tan-nullita' ta' att ġudizzjarju

[6] App. Kumm. **15.4.1977** fil-kawża fl-ismijiet ***John Mallia vs Maria Assunta Borġ e****t* (mhix pubblikata)

[7] Ara, per eżempju, P.A. **5.6.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Sciortino et vs Micallef*** (Kollez. Vol: **XLIII.ii.748)**

Illi ngħad ukoll li fejn ma jkunx hemm kontradizzjoni għall-aħħar bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qrati għandhom iqisu b'ċirkospezzjoni eċċezzjoni ta' nullita' ta' att ġudizzjarju. Biex Rikors Maħluf jgħaddi mill-prova tal-validita' huwa biżżejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mħarrka tifhem l-intenzjoni ta' min ħarrikha[8] u li tali tifsila ma tkunx ta' ħsara għall-imħarrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur[9];

Illi fil-każ preżenti, l-imħarrka ssemmi n-nullita' tar-Rikors Maħluf tal-atturi fuq il-bażi li l-atturi kellhom jagħżlu bejn talba u oħra tal-allegazzjoni tagħhom u bejn rimedju mitlub u ieħor u mhux jorbtuhom flimkien u jitolbuhom it-tnejn. Hawnhekk tinħoloq qagħda li hija l-oppost ta' meta tiġi eċċepita n-nullita' ta' Rikors Maħluf minħabba n-**nuqqas ta' talba meqjusa bħala meħtieġa**. Skond l-argument tal-imħarrka, għalhekk, l-azzjoni attriċi hija milquta b'kontradittorjeta' minnha nnifisha li tagħmilha insanabbli;

Illi ta' min jgħid ukoll li l-Qrati tagħna kellhom f'għadd ta' każi mressqa quddiemhom it-taqbida li jqisu eċċezzjoni ta' nullita' tal-att promotur ta' kawża fuq **il-bażi tal-kontradittorjeta' tal-kawżali u t-talbiet infushom**, u ġieli laqgħuha wkoll. L-istess jingħad għal każijiet fejn kawża waħda kienet fis-sewwa żewġ azzjonijiet f'daqqa li l-waħda teskludi lill-oħra[10]. Kien hemm sentenzi oħrajn li fissru l-limiti safejn għandha tmur il-Qorti biex tqis Rikors Maħluf bħala wieħed siewi, għalkemm ikun fih xi nuqqasijiet[11]. Din l-eċċezzjoni tqieset fid-dawl tal-artikolu 156(1) tal-Kapitolu 12, li jitkellem dwar il-ħtieġa li r-Rikors Maħluf ikun fih tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talba;

Illi, kif ingħad f'għadd ta' deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna, id-distinzjoni bejn nullita' mtellgħa taħt il-paragrafu (ċ) u dik

---

[8] P.A. : **14.2.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***J.G. Coleiro vs Dr. J. Ellul*** (Kollez. Vol: **LI.ii.779**);
[9] App. Kumm. **20.1.1986** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Bonniċi vs Eucharistico Żammit noe et***
[10] Ara, per eżempju, Kumm. **9.1.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Aquilina et vs Ruġġier noe*** (Kollez. Vol: **LXXIX.iv.1334**)
[11] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **6.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit et vs Żammit Tabona noe et*** (Kollez. Vol: **LXXX.i.454**)

taħt il-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789, tikkonsisti fil-fatt li, f'tat-tieni, l-att ġudizzjarju jkun milqut minn nuqqas ta' partikolarita' essenzjali meħtieġa mil-liġi, u mhux "sempliċi" ksur tal-forma preskritta[12]. Huwa xieraq li jissemma li l-liġi titkellem dwar "partikolarita' essenzjali" u mhux partikolarita' kwalsijasi. Biex partikolarita' f'att ġudizzjarju titqies bħala "essenzjali" jeħtieġ li jintwera li n-nuqqas tagħha f'dak l-att ixekkel serjament u irrimedjabbilment xi wieħed jew aktar mill-għanijiet leġittimi tar-regoli proċedurali li l-kawżi jimxu b'ħeffa, effiċjenza, ekonomija u ħarsien tal-jeddijiet u tad-difiża u tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali[13];

Illi, f'waħda mis-sentenzi li qieset kwestjoni bħal din taħt eżami jingħad hekk: *". . . ma hemmx kwestjoni li dottrinarjament huwa importanti li jiġu, għall-finijiet ta' l-oġġett tat-talba u tad-dritt li jiddeterminaha, eżaminati attentament il-fattijiet li jkunu taw lok għall-ġudizzju, u dawn il-fattijiet ma jistgħux ma jkunux a konjizzjoni tal-kontendenti; jekk minn dawn il-fattijiet jitnissel aktar minn dritt wieħed sabiex id-domanda tkun imressqa 'l quddiem f'ġudizzju, ma hemm xejn fil-liġi li l-attur li jippromwoviha ma jkunx jista' jiddeduċihom jekk jittendi li huma ntiżi għall-otteniment ta' l-oġġett propost, salv li l-istess ma humiex inkonċiljabbli. Dina r-redazzjoni ta' l-att taċ-ċitazzjoni ma tirrendix dak l-istess att għall-kawżalijiet tiegħu mhux ċar, iżda se mai turi in forza ta' liema drittijiet ("jus petendi") l-attur ikun qiegħed jippromwovi l-azzjoni. Apparti dana, ebda preġudizzju ma jitnissel lill-konvenut minn dana l-aġir ġuridiku, ilgħaliex huwa jkun jista' jirripudja l-azzjoni attriċi għad-drittijiet kollha radikati fl-att promotorju tal-kawża. . ."*[14];

Illi jidher li hija ħaġa iebsa li tgħid b'regola minn qabel liema huma dawk l-azzjonijiet multipli li ma joqogħdux flimkien: il-kejl xieraq hu li l-kwestjoni titqies minn każ għal każ. Hekk, per eżempju, huwa stabilit li azzjoni pussessorja ma jmisshiex titressaq flimkien ma' waħda

---

[12] Ara, per eżempju, P.A. C.S.:**4.11.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Galea vs Pawlu Cuschieri*** (mhix pubblikata)
[13] P.A. GCD **31.10.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Diane Vella et vs Medserv Operations Limited***
[14] App. Ċiv. **14.11.1949** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ noe vs Vincenti*** (Kollez.Vol: **XXXIII.i.535,** a fol. 538)

petitorja[15], jew li l-azzjoni ta' reintegrazzjoni tal-pussess (l-"*actio spolii*") ma titressaqx flimkien mal-azzjoni taż-żamma fil-pussess (l-"*actio manutentionis*") u dan minkejja li t-tnejn huma azzjonijiet pussessorji[16];

Illi l-azzjoni li ressqu l-atturi fil-kawża tal-lum hija maħsuba li tilħaq wieħed minn żewġ għanijiet: li ġġib it-tħassir tal-aħħar testment ta' ħu l-atturi minħabba raġuni partikolari (il-vizzju tal-kunsens tiegħu) jew li ġġib lill-imħarrka mhix denja li tiret taħt l-imsemmi testment minħabba li hi kienet il-kawża ta' dik ir-raġuni partikolari;

Illi fin-Nota ta' Sottomssjonijiet tagħha, l-imħarrka tgħid li t-tliet talbiet attriċi huma fis-sewwa żewġ azzjonijiet li ma joqogħdux flimkien, billi l-ewwel żewġ talbiet huma azzjoni għat-tħassir tat-testment, filwaqt li t-tielet talba attriċi hija azzjoni ta' indenjita' (jiġifieri fejn persuna ma jkunx jistħoqqilha li tidħol għal wirt) li ma ġġibx magħha t-tħassir tat-testment, imma fejn, għall-kuntrarju, timplika li t-testment ikun jgħodd, iżda l-werriet ma jkunx jistħoqqlu jiret. Minħabba f'hekk, l-imħarrka tilmaħ fl-azzjoni attriċi kontradizzjoni fundamentali li ma tistax tissewwa jekk mhux billi l-att kollu jkun dikjarat null;

Illi, min-naħa tagħhom, l-atturi jwarrbu dan l-argument billi jgħidu li l-artikolu tal-liġi magħżul mill-imħarrka biex issejjes l-eċċezzjoni tagħha – l-artiklu 789(1)(d) tal-Kapitolu 12 – ma jgħoddx għall-każ għaliex dik id-dispożizzjoni tal-liġi tgħodd meta l-att ġudizzjarju jkun nieqes minn xi partikolarita' essenzjali meħtieġa mil-liġi. Aktar 'il quddiem jirribattu wkoll l-argument tal-imħarrka li l-azzjoni tagħhom hija żewġ azzjonijiet li ma joqogħdux flimkien;

Illi fil-fehma tal-Qorti, l-eċċezzjoni taħt eżami m'għandhiex mis-sewwa, u dan għaliex it-tielet talba hija azzjoni sussidjarja għat-talba ewlenija safejn titlob it-tħassir tat-testment minħabba raġunijiet ta' siwi formali tal-att. Hija azzjoni sussidjarja għaliex **ir-raġuni** li ssejjes it-talba tal-atturi għat-tħassir tat-testment hija l-**istess raġuni** li

[15] App. Ċiv. **10.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Buħaġiar et vs Buħaġiar*** (Kollez. Vol: **LXXXVII.ii.778**)
[16] App. Ċiv. **7.3.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Tabone vs DeFlavia*** (Kollez. Vol: **XLII.i.87**)

ssejjes it-talba tagħhom biex l-imħarrka tinstab li ma jistħoqqilhiex li tiret taħt dak l-istess testment. Fil-fehma tal-Qorti, l-imħarrka lanqas tista' tilminta mill-fatt li hi m'hijiex se' tkun f'qagħda li tiddefendi kif jixraq il-każ tagħha, ladarba l-prova tal-imsemmija raġuni (jiġifieri s-sehem tal-imħarrka fil-qerq li wassal lit-testatur biex jagħmel it-testment li għamel) hija prova li jridu jressqu b'mod soddisfaċenti l-atturi u ħadd aktar. Fuq kollox, dik il-prova tgħodd kemm għall-finijiet tal-ewwel żewġ talbiet attriċi u kif ukoll għat-tielet waħda;

Illi f'dan il-każ joħroġ ċar li l-ilment tal-imħarrka ma jaqax fil-parametri ta' nuqqas proċedurali, imma wieħed sostantiv. Dan jingħad għaliex il-kontestazzjoni dwar il-kontradittorjeta' tat-talbiet ma tintrabatx mas-sura tal-att ġudizzjarju imma man-natura sostantiva tal-azzjoni attriċi. F'dan ir-rigward, ma jidhirx li l-azzjoni għat-tħassir tat-testment minħabba vizzju fir-rieda tat-testatur u l-azzjoni ghad-dekadenza tal-werriet maħtur minħabba li hu l-awtur ta' dak il-vizzju huma daqstant radikalment inkompatibbli[17];

Illi din il-fehma tal-Qorti tissaħħaħ ukoll bl-argument tar-rabta bejn it-tħassir tat-testment minħabba l-vizzju tal-kunsens tat-testatur indott minħabba qerq u l-kawżali ta' dak l-istess qerq bħala waħda mir-raġunijiet maħsuba mil-liġi bħala raġuni li ġġib lill-persuna li tkun qarrqet bit-testatur bħala waħda li ma jistħoqqilhiex tirtu. Kemm hu hekk jingħad "*...l'indegnita`, come configurata nell'unica disposizione del codice che ne prevede le varie ipotesi, non e` uno 'status' connaturato al soggetto che si assume indegno a succedere, ma una qualificazione di un comportamento del soggetto medesimo, che deve essere data dal giudice a seguito dell'accertamento del fatto che integra quella determinata ipotesi di indegnita` dedotta in giudizio, e che si sostanzia in una vera e propria sanzione civile di carattere patrimoniale avente un fondamento pubblicistico*"[18]. Għaldaqstant, aktar milli kwestjoni ta' inkompatibilita' bejn iż-żewġ suriet ta' talbiet attriċi, tidħol

[17] Ara, f'kuntest jixxiebah, P.A. **30.3.1936** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef vs Grech*** (Kollez. Vol: **XXIX.ii.1048**)
[18] Cass. Civ (Sez. II[a]) **29.3.2006** fl-ismijiet ***T.G. vs B.G.*** (Nru. 7266)

aktar il-kwestjoni dwar jekk f'kawża bħal din iddaħħlux il-partijiet kollha li jista' għandhom interess f'dan il-wirt. Dan jingħad għaliex "*Ricorre l'ipotesi di litisconsorzio necessario di tutti i successori legitimi riguardo all'azione di impugnazione del testamento per indegnita` della persona designata come erede dal 'de cuius', in quanto tale azione e` diretta a ottenere una pronuncia in ordine a un rapporto giuridico unitario e ha per oggetto l'accertamento, con effetto di giudicato, della qualita` di erede ...*"[19];

Illi l-Qorti tagħmilha ċara li dak li ngħad hawn fuq ma jfisser bl-ebda mod li hija qiegħda tasal għal xi fehma li l-imħarrka tassew wettqet dak li l-atturi jixluha bih. Fl-istat li jinsabu fih l-atti tal-kawża s'issa ma joħroġ xejn minn dan bħala prova tanġibbli u li wieħed jista' joqgħod fuqha. Dak li trid tfisser il-Qorti hu biss fid-dawl tal-eċċezzjoni taħt eżami u jekk it-tliet talbiet attriċi jistgħux joqogħdu flimkien fl-azzjoni mressqa mill-atturi;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tastjeni milli tqis aktar l-ewwel eċċezzjoni preliminari** ladarba l-imħarrka rtiratha;

**Tiċħad it-tieni eċċezzjoni preliminari** tagħha, bl-ispejjeż kontra tagħha, billi m'hijiex mistħoqqa fid-dritt u ma billi ma tirriżulta l-ebda nullita' tar-Rikors Maħluf kif imfissra fil-liġi; u

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla bil-ġbir tal-provi fil-mertu.

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

[19] Cass. Civ. (Sez. II[a]) **12.7.1986** fl-ismijiet ***Abita vs Rau*** (Nru. 4533)

---------------------------------TMIEM---------------------------------